IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA’ LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 68-2019(20_05_19)**

**20 ta’ Mejju 2019**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sa Sonja Abela - Sindku
Is-Sinjura Juliet Rose Attard - Viċi Sindku
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier - daħal fil-laqgħa fis-6.15 ta’ filgħaxija.
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sa Sonja Abela.

**68.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji**

68.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li aktar kmieni kien irċieva *sms* mingħand is-Sur Paul Curmi fejn infurmah li ser jittardja ftit minħabba xogħol.
Huwa ġie skużat.

**68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

68.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħa preċidenti numru 67-2019(25_04_19) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B’hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**68.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

68.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill bix-xogħlijiet li kienu saru mill-aħħar laqgħa s’issa.

Dawn ix-xogħlijiet jinkludu:
Żbir tas-siġar tal-Pjazza tal-Knisja, pjanċa fuq il-bokka tax-*shelter* tal-Pjazza tal-Knisja, inqata' l-ħaxix mit-toroq kollha tal-Munxar, saru *bollards* u *double yellow line* fix-Xlendi, sar żbir tal-Palm fix-Xlendi, sar *patching* fit-toroq tax-Xlendi u Il-Munxar, tranġat tarġa fil-passaġġ tax-xtajta tax-Xlendi, tliet *dog bins* huma lesti sabiex jitwaħħlu, saret il-kommemorazzjoni f'ġieħ Carmen Said u Tony Borg, saret Festa Tfal u l-attività bħala parti mill-'Gozo Alive'.

**68.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

68.4.1 Is-Sinjura Juliet Rose Attard issuġġeriet li l-Kunsill iżid żewġ *bring in sites* oħra, waħda fi Triq il-Puniċi u l-oħra fi Triq iż-Żirżieb, Ix-Xlendi. Ma kienx hemm qbil dwar dan iżda issa suppost li l-Kuntrattur Green MT iżid il-*bins* ma' dawk li diġà hemm fi Pjazza l-Anfori.

68.4.2 Is-Sur Damien Spiteri ġibed l-attenzjoni tas-Sindku li bil-bankijiet li twaħħlu max-xtajta tax-Xlendi tneħħa l-aċċess għal min ikun irid jinżel fuq ix-xtajta bil-*wheelchair*. Il-persuna li għamlet l-ilment ser tintalab tispjega aħjar x'hemm bżonn li jsir.

Is-Sur Damien Spiteri rrefera għall-każ li ġie rrappurtat f'gazzetta lokali dwar kisi ta' toroq privati f'Malta, xogħol li sar minn Infrastructure Malta. Issa bħal dan il-każ hemm każ fix-Xlendi u jrid jiġi ċċekkjat jekk din it-triq tistax issir bħal dik li saret Malta. Is-Sindku infurmatu li t-triq li qed jirreferi għaliha ma hijiex *schemed road* u min għamel it-talba diġà ġie infurmat li l-każ huwa magħluq.

Il-ħin kien is-6.15 ta' filgħaxija u s-Sur Paul Curmi wasal fil-laqgħa.

**68.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

68.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali qed jitlob lill-Kunsilli joħorġu sejħa liż-żewġ skemi tal-ġbir ta' skart riċiklat sabiex jissottomettu l-proposta tagħhom. Il-proposti li jiġu sottomessi jiġu rreferuti lill-Kunsill sabiex jieħu deċiżjoni. Kien hemm qbil dwar dan.

**68.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

68.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 6/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett '*CCTV Cameras* installati mill-Kunsilli Lokali'.

68.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 7/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Riforma Gvern Lokali – Emendi fl-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363)'.

68.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 8/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Manutenzjoni ta' sinjali u marki stradali fil-lokalitajiet'.

68.6.4 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/08/2019 mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Attività – *Light up the Night*'.

68.6.5 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/SCI/09/2019 mingħand id-Direttur għall-Gvern Lokali (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy)*, Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'LC CARE Project – Skema ta' Finanzjament għall-Gvern Lokali għall-Kura tal-Annimali fil-Komunità'.

68.6.6 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/10/2019 mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Skema Finanzjarja – Żvilupp ta' Libreriji Lokali/Reġjonali f'Ċentri tal-Komunità'.

68.6.7 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali l-Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Numru 19, tal-25 ta' Marzu 2019.

68.6.8 Il-Kunsill irċieva talba mingħand resident mill-Munxar sabiex Sqaq tal-Ħabel it-Twil jitnaddaf mill-ħaxix għaliex il-vetturi ma humiex ikunu jistgħu jgħaddu. Il-Kunsill ser jitlob lill-ħaddiema tal-Public Cleansing Section u ser jitnaddfu żewġ passaġġi oħra fil-viċin.

68.6.9 Il-Kunsill irċieva approvazzjoni mingħand Transport Malta sabiex isir *double yellow line* bejn żewġ *garages* fi Triq iż-Żirżieb, Ix-Xlendi. Il-Kunsill qabel li dan isir.

68.6.10 Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid ta' proprjetà fil-Pjazza tal-Knisja fejn qed titlob li tinqala' parti mill-bankina li qiegħda quddiem il-proprjetà tagħha u terġa' ssir. Kien hemm qbil li din il-bankina titranġa iżda qabel iridu jsiru stimi u neżaminaw il-*budget* allokat għat-tiswija ta' bankini.

68.6.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed tirringrazzja lill-Kunsill li kkonferma li ser ikun qed jipparteċipa fl-inizjattiva 'Heritage Malta – Skema tal-Passaport tal-Kbar'. L-anzjani jkunu jistgħu jiġu l-Kunsill u japplikaw għall-passaport sabiex huma u żewġ adulti magħhom ikunu jistgħu jżuru l-mużewijiet ta' Heritage Malta. L-anzjan jirċievi l-passaport bil-posta d-dar.

68.6.12 Il-kuntrattur li qiegħed jaħdem fuq żvilupp fi Triq il-Puniċi qed ikollu bżonn li jħalli *truck* sabiex iħott il-materjal li jintuża għall-kostruzzjoni. Sabiex it-triq ma tingħalaqx, il-kuntrattur qiegħed jitlob sabiex parti minn Triq il-Puniċi ssir *No Parking on Both Sides*. Din it-talba qed issir għaż-żmien li jkun qed isir dan l-iżvilupp. Is-Sindku ma qablitx li jitneħħa xi *parking* minn din it-triq iżda peress li ġie kkunsidrat li aħjar hekk milli toqgħod tingħalaq it-triq u xi vetturi jissakkru ġot-triq; ġie deċiż li dawn is-sinjali jsiru bi prova għal xahar, jiġifieri, sal-aħħar ta' Ġunju 2019.

68.6.13 Is-Sindku bagħtet *e-mail* lill-Kunsill bil-proposta sabiex isiru *gates* tal-ħadid fl-entratura tal-bandli għal aktar *safety* kif qed jagħmlu Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li qabel ma joħorġu s-sejħiet għall-offerti, nitolbu l-parir mingħand il-*Malta Playing Fields Association* bħalma kien sar qabel ma saret il-*playing area* fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Kien hemm qbil dwar dan.

68.6.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq il-Biżantini, Ix-Xlendi rigward is-sitwazzjoni preżenti tal-istess triq. Huwa qed jilmenta dwar karozza abbandunata, xogħol ta' *patching* li għadu ma sarx u *bollards* imkissra, ħaxix u skart, *cables* imdendlin li jintlaħqu min-nies u knatan u qsari fuq il-bankina.
Il-karozza saritilha avviż mill-Pulizija sabiex titneħħa fi żmien ġimgħa u l-ħaxix u żibel tneħħa mill-kennies tat-triq. Għadu jrid jiġi identifikat is-servizz li qed jissupplixxu dawn il-*cables* biex jiġi identifikat ta' liema entità huma. Il-knatan li hemm fuq il-bankina ma humiex ta' inkonvenjent iżda sabiex nitolbu li l-qsari jitneħħew irridu nitolbu li ingombri li sar mill-istess persuna li għamlet dan l-ilment ineħħieh u ingombriment ieħor fit-toroq kollha tal-lokalità speċjalment tank tal-ilma li qiegħed fuq bankina ta' Triq San Xmun. Is-Sindku ser tibgħat ritratt ta' dan it-tank sabiex jittieħdu l-passi neċessarji.

68.6.15 Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li SportMalta ser terġa' torganizza 'Summer on the Move 2019', mit-8 ta' Lulju sas-6 ta' Settembru. Dawk it-tfal u adulti li huma interessati jridu japplikaw direttament ma' SportMalta.

68.6.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957 biex tilmenta li x-xogħol ta' *patching* li sar fit-triq quddiem il-proprjetà tagħha ma solviex il-problema li kienet ilmentat fuqha u qed tazzarda tgħid li ggravat. Ġibdet l-attenzjoni wkoll rigward użu ta' ilma użat, tal-ħasil tal-ħwejjeġ, li jintuża għall-ħasil tal-bankina għaliex apparti li huwa ta' inkonvenjent huwa ta' periklu għal kull min juża t-triq li hija waħda prinċipali. Din il-persuna qed tirringrazzja wkoll lil min ipprova bi sħiħ li l-problema tissolva. Il-Kunsill ħa nota ta' din.

68.6.17 Is-Sindku rreferiet għall-*e-mail* li ntbagħtet mit-Taqsima tal-Monitoring fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali lis-Segretarju Eżekuttiv dwar notifika b'allegazzjoni li twaħħlet *CCTV Camera* fuq impjegat. Huwa ntalab jgħid jekk kienx hemm approvazzjoni tal-Kunsill.
Peress li din l-*e-mail* kienet indirizzata lis-Segretarju Eżekuttiv biss, huwa wieġeb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u pproduċa dokument ta' estratt tal-Minuti ta' erba' laqgħat differenti, stima ta' sistema tas-*CCTV* fejn *cameras* kellhom jiżdiedu minn erbgħa għal sebgħa, *e-mail* tas-Sindku fejn talbet lis-Segretarju Eżekuttiv jirranġa *camera* tas-*CCTV* u *risk assessment* għall-uffiċini u ħaddiema tal-Kunsill. Is-Sindku kienet ser tiċċekkja dwar dan. F'dan il-ħin inqalgħet kommozzjoni u s-Sindku ħarġet mil-laqgħa. Il-Viċi Sindku ssospendiet il-laqgħa.

Il-ħin kien is-7.00 ta' filgħaxija u s-Sur Paul Curmi kien telaq mil-laqgħa ftit qabel ma telqet is-Sindku.

Fis-7:30 ta' filgħaxija tkompliet il-laqgħa u kienet immexxija mill-Viċi Sindku fl-assenza tas-Sindku. Preżenti kien hemm is-Sur Damien Spiteri – Kunsillier u s-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier.

**68.7 Il-Management Report for the year ended 31 December 2018**

68.7.1 Il-*Management Report* għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2018 kif ifformulat mill-awditur intbagħat lill-membri tal-Kunsill minn xi jiem qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv ipprepara risposta u anke din intbagħtet lill-membri tal-Kunsill. Dawn ġew meħuda bħala moqrija u sar qbil li tintbagħat ir-risposta kif inhi.

**68.8 Il-Festa ta' San Pawl Nawfragu 2019**

68.8.1 Il-Kunsill irċieva tliet kwotazzjonijiet għal diversi attivitajiet li se jorganizza l-Kunsill fil-jiem tal-Festa. Il-kwotazzjonijiet huma:

a) Munxar Youth Centre: €4,900
b) Munxar Falcons FC: €6,000
c) CMC Services: €6,160

Ġie deċiż li l-Kunsill jagħżel l-orħos offerta li hija tal-Munxar Youth Centre.

68.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabar tliet stimi sabiex issir l-attività 'Enhancing Cultural Events within the locality of Il-Munxar', li ser tiġi ffinanzjata mill-Cultural Events Funds tal-Ministeru għal Għawdex. Il-kwotazzjonijiet li rċevejna kienu:

a) Brendon Spiteri - €2,000
b) Mad About Video Ltd - €4,870.45
c) Munxar Falcons FC - €3,000

Ġie deċiż li l-Kunsill jagħżel l-offerta ta' Brendon Spiteri għall-prezz ta' €2,000.

**68.9 Approvazzjoni tal-Quarterly Report Jannar-Diċembru 2018 (ir-raba' kwart)**

68.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart tar-raba' kwart Jannar-Diċembru tas-sena finanzjarja 2018.
Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

**68.10 Impjieg ta' skrivan/a full-time**

68.10.1 L-impjegat li beda jaħdem bħala skrivan skala 15 irreżenja wara jumejn xogħol minħabba raġunijiet ta' saħħa. Għaldaqstant, ġie deċiż li l-Kunsill jgħaddi għall-proċess li jmiss u jitlob lista ta' persuni li qed ifittxu xogħol f'*part* 3 mingħand il-jobsplus.

**68.11 Xogħlijiet fil-Lokalità**

68.11.1 Dettalji dwar xogħlijiet fil-lokalità diġà kienu elenkati fir-rapport tas-Sindku.

**68.12 Proposta ta' ġemellaġġ**

68.12.1 Il-Viċi Sindku infurmat li ma kienx hemm żviluppi dwar il-proposta ta' ġemellaġġ ma' Caltagirone fi Sqallija.

**68.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

68.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 68-2019(20_05_19) li tkopri l-perjodu mis-26 ta' April 2019 sal-20 ta' Mejju 2019 għall-ammont totali ta' €29,262.30 għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni. Il-Proponent kien is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier u s-Sekondat kien is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier.
Din l-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata.

Is-Sur Damien Spiteri ddikjara konflitt ta' interess dwar *item* numru 40 ta' din l-Iskeda ta' Ħlasijiet.

**68.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

68.14.1 Il-laqgħa aġġornat fit-7:55 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Mejju 2019 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

Anthony Grech
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-Minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 69-2019(29_05_19) li nżammet nhar l-Erbgħa, 29 ta' Mejju 2019.

**IFFIRMATA**

Sonja Abela
Sindku